MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 195/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**(Spt. Daniel Zammit)**
**Vs**
**Antoine Lawrence Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1A. nhar it-3 ta’ April, 2011, ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ wara nofsinhar (4 p.m.) fi Triq Tal-Hlas, gewwa Ta’ Farzina, fil-limiti ta’ Hal-Qormi, kkommetta serq ta’ flus minn fuq il-persuna ta’ George Aquilina, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza;
2A. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta,

zamm jew issekwestra lil George Aquilina kontr al-volonta` tieghu;
3B. Talli nhar it-3 ta' April, 2011, ghall-habta tat-tmienja u ghoxrin minuta ta' filghaxija (8.20 p.m.), fi Triq Tal-Hlas, gewwa Ta' Farzina, fil-limiti ta' Hal-Qormi, kkommetta serq ta' flus minn fuq il-persuna ta' George Spiteri, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;
4B. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi (indikati f'akkuza nru. 3B) bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil George Spiteri kontra l-volonta` tieghu;
5C. Talli fit-3 ta' April, 2011, ghall-habta ta' l-ghaxra u ghaxar minuti ta' filghaxija (10.10 p.m.) ikkommetta serq ta' flus minn fuq il-persuna ta' Roderick Sapiano, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;
6C. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi (indikati f'akkuza nru. 5C), bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Roderick Sapiano kontr al-volonta` tieghu;
7D. Fl-4 ta' April, 2011, ghall-habta ta' l-erbgha ta' filghodu (4 a.m.), fi Triq Santu Wistin, (Paceville) San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` serq minn fuq il-persuna ta' Husain Alomran mill-Kuwait, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;
8E. Nhar l-4 ta' April, 2011, ghall-habta tal-hamsa neqsin ghoxrin minuta ta' filghodu (4.40 a.m.), fi Triq San Bartolomew, Qormi, kkommetta serq ta' flus minn fuq il-persuna ta' Simon Aquilina, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;
9E. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi (indikati f'akkuza nru. 8E), bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Simon Aquilina kontra l-volonta` tieghu;
10F. Nhar l-4 ta' April, 2011, ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghodu (8.45 a.m.), fi Triq il-Mithna, Qormi, kkommetta serq ta' flus minn fuq il-persuna ta'

Francis Paul Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza;
11F. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi (indikati f'akkuza nru. 10F), bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kometenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarrest lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Francis Paul Borg kontra l-volonta` tieghu;
12G. Nhar it-28 ta' Marzu, 2011, ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar (5 p.m.), fi Triq tal-Hlas, gewwa ta' Frazina, fil-limiti ta' Hal-Qormi, kkommetta serq ta' flus minn fuq il-persuna ta' Rosianne Apap;
13H. Fl-4 ta' April, 2011, u/jew fil-jiem ta' qabel, gewwa Hal-Qormi u San Giljan, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew hsara fil-propjeta` (minbarra hsara involontarja fil-propjeta`) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti:
14I. Finalment talli nhar l-4 ta' April, 2011 u/jew fil-jiem ta' qabel, f'Hal-Qormi, f'San Giljan u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu, garr xi sikkina jew strumetn li jaqta` jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' April, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 86, 261, 262(1)9a) u (b), 262|(2), 270, 275, 276, 277, 20 u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 6, 51(7) u 55 tal-Kapitolu 480, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hames (5) snin prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u seba` u erbghin centezmu (€116.47), li jekk ma tithallasx ghandha tigi konvertita f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi, bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' April, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi in vista ta' l-ammissjoni bikrija tieghu u ghar-ragunijiet kollha su esposti, tirriforma u tvarja s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-5 ta' April, 2011 u filwaqt li tirriformaha billi tinfliggi piena inwas minn dik li applikat l-Ewwel, salv dak li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi dan l-appell qed isir biss limitatament in kwantu fuq il-piena, in vista tal-fatt illi l-akkuzi kollha gew ammessi mill-istess appellant skond il-ligi. L-appellant, kif anki irrimarkat l-Ewwel Qorti, ma ghandux xi fedina penali allarmanti u dahal fic-cirku tal-kriminalita` specifikatament tas-serq, minhabba l-vizzju tad-droga. Dan il-vizzju hataf lill-appellant li minn missier ezemplari ta' familja, spicca jisraq lil persuni innocenti sabiex ikun jista` jsostni l-vizzju tieghu. Huwa minnu illi l-appellant ikkommetta serje ta' reati kriminali gravi lejn is-socjeta` u lejn il-vittmi. Huwa minnu illi l-Ewwel Qorti setghet tat piena ta' prigunerija karcerarja hafna iktar minn dik effettivament inflitta, pero` hija l-umli fehma ta' l-appellant illi piena ta' prigunerija ta' dak it-tul ma hijiex idonea ghalih specjalment bil-problemi li ghandu;
2. Illi l-Qorti kellha tkun aktar manjanina fid-decizjoni taghha u tinfliggi piena wara li tara li jittiehdu mizuri fil-konfront ta' l-appellant biex jibda programm ghar-rijabilitazzjoni mid-droga. Il-Qorti li bis-sentenza taghha ghamlet gustizzja ma min sofra r-reati, trid tara li biex il-gustizzja issir kompletament li jekk hemm cans zghir li l-appellant li jkollha quddiemha ikun jista` jigi riabilita, anki minn gol-habs stess billi jmur programm adegwat u jkollu mieghu probation officers u social workers li jaghmlu “presentencing report”qabel ma l-istess Qorti ghaddiet ghas-sentenza finali taghha. Dan bil-ghan li jigi stabbilit li fil-fatt ir-reati kommessi mill-appellant kienu konsegwenza

diretta tal-vizzju li ghandu mid-droga u li f'dan il-kuntest piena ta' dik ix-xorta u tul ma kienitx l-aktar idonea;

3. Illi bil-piena nflitta, l-appellant gie prekluz milli jkun jista imur programm ghar-riabilitazzjoni tad-droga. Dan ghaliex biex jikkwalifika jrid ikun qed jiskonta sentenz ali tvarja minn minimu ta' sitt xhur prigunerija sa massimu ta' sentejn prigunerija. Il-piena nflitta qed tippregudikah sal punt li ma jistax jaghmel programm ta' riabilitazzjoni minn gol-habs stess minhabba dawn il-kriterji, u per konsegwenza, mhux ser ikun jista jirriforma ruhu billi jsolvi l-problema li ghandu tal-vizzju tad-droga u l-konsegwenza kriminali li ggib maghha;

4. Illi l-appellant, minkejja li r-reati li jikkommetti huma ta' natura gravi, ghandu jinghata l-opportunita` li jsalva lilu nnifsu biex jerga jsir il-missier tal-familja li darba kien, u dan billi jinghata l-opportunita` li jkollu sentenza u piena nflitta li jippermettulu li jattendi ghal programm. Anki s-social workers li qed jiehdu hsieb l-istess appellant huma tal-fehma li l-appellant jigi riabilitat kompletament fis-socjeta` jekk ifieq mill-vizzju tad-droga – xi haga li ma jistax jaghmel minghajr programm appositu.

Rat ir-rikors tal-appellant tal-10 t'Awwissu 2011 fejn talab illi l-Qorti tordna "pre-sentencing report" sabiex tghin fl-istadju tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Settembru, 2011 fejn laqghet it-talba tal-appellant u nnominat lil Ivan Sultana bhala "probation officer" biex jiehu hsieb jipprepara "pre-sentencing report".

Rat illi dan gie pprezentat u mahluf fid-19 ta' Jannar, 2012.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant ghandu jew kellu problema tad-droga filwaqt illi huwa missier ta' tifla.

Biex isostni l-vizzju tieghu, wara li tilef impjieg, kellu jdur ghall-mezzi illegali li spicca quddiem il-Qorti bil-kundanna fuq imsemmija.

Dan l-appell, pero`, qed isir limitatament ghall-piena, in vizta tal-fatt illi l-akkuzi kollha li gew ammessi mill-istess appellant u m’ghandux xi fedina penali allarmanti w dahal fic-cirku tal-kriminalita` specifikatament is-serq minhabba l-vizzju tad-droga.

Fil-mori ta’ din il-kawza pero` jidher illi l-appellant qed jaghmel minn kollox sabiex jehles minn din il-pjaga u l-ahhar kampjun illi ttiehed gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin fl-4 ta’ Novembru 2011 ma rrizulta l-ebda indikazzjoni ta’ droga.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti mhiex aversa ghal dan l-attentat li qed jaghmel l-appellant u rat il-“pre- sentencing report” ippreparat mill-ufficju tal-probation Ivan Sultana li ghamel analizi professjonali tal-problemi illi ghandu l-appellant, kollha relatati mall-vizzju tad-droga illi dahal fihom proprju bhala esperiment biex ikun bhal shabu, liema esperiment swielu verament qares.

Fortunatament jidher illi l-appellant ghandu relazzjoni tajba mal-genituri illi qeghdin jaghtuh l-appogg kollu necessarju sabiex huwa jehles minn din il-problema.

Sfortunatament l-appellant ghandu problemi li jrid jindirizza u l-hasra hi illi kull meta jsib ruhu illi ma jistax jirbah dawn il-problemi jdur ghad-droga ghas-sostenn, li naturalment iddahhlu f’cirku vizjuz illi ma jkunx jista` johrog minnha facilment.

Jidher pero` l-appellant hu kapaci jieqaf mill-abbuz tad-droga.  Dana ma jistax jaghmlu wahdu u ghandu bzonn aktar ghajnuna, minhabba li jsibha difficli jikkonfronta l-problema tal-hajja u ghalhekk ikun aktar suxxettibbli ghal ”relapse”.

Programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga huwa necessarju fil-konfront tal-appellant sabiex ikollu l-kapacitajiet necessarji illi jissupera l-problema tad-drogi.

Ikun opportun ghalhekk li din il-Qorti tikkonferma l-piena ta’ prigunerija effettiva li pero` jidhrilha illi ghandha tkun ridotta f’terminu li jkun effettiv sabiex l-appellant jibbenefika minn programm residenzjali.

Ghal dawn il-motivi, taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tikkonferma l-ewwel sentenza fejn sabet il-htija izda tirriforma w tvarja s-sentenza fejn infliggiet piena ta’ hames snin prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta’ prigunerija ta’ tlett (3) snin u sitt (6) xhur, kif ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ mija w sittax-il Ewro u seba` u erbghin centezmi (€116.47) li jekk ma jithallsux ghandha tigi konvertita f’perjodu ulterjuri ta’ prigunerija skond il-Ligi bir-rata ta’ gurnata habs kull hdax-il Ewro u hamsa w sittin centezmu dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------